L-IKLIN

L-IKLIN FTIT ĦŻUŻ STORIĊI U KULTURALI

# Gwardjan sieket tal-Gwerra u l-Batterija XHE33 tal-Balal

*F'waħda mill-aħħar żjarat tiegħi f'Malta, f'April tal-2018, tlajt nieħu xi ftit ritratti ta' binja fuq it-triq tal-Balal, qrib il-borehole, li — ħasra! — ġie mwaqqa' fil-proġett reċenti tat-twessiegħ tat-triq* [1].

Ma' l-ewwel daqqa t'għajn tidher kamra oħra fl-għelieqi, waħda minn ħafna. Ħarsa iżjed bir-reqqa tatni x'nifhem li kien parti mid-difiża matul it-Tieni Gwerra Dinjija, f'każ ta' invażjoni [2], fuq triq prinċipali lejn in-Naxxar. Bħalha jinstabu diversi minn Ta' Qali — fejn kien kemm mitjar — lejn tal-Balal [3].

L-iktar sinjal ċar huma li hemm biss żewġ it-twieqi żgħar, u mhux twieqi normali imma b'fetħa angolata — li tiswa' biex tipproteġi minn qiegħed ġewwa, waqt li josserva u qed jiddefendi t-triq permezz ta' arma tan-nar.

Hija ħasra li siti bħal dawn mhumiex dokumentati u protetti biżżejjed, hekk li l-wirt nazzjonali u lokali jitnaqqar bil-mod il-mod, sforz l-għaġġla fl-iżvilupp, u n-nuqqas ta' tagħrif, u nuqqas ta' investiment għar-riċerka [4].

Dik il-binja fuq it-triq tal-Balal ma kinitx unika għal kollox fl-Iklin. Binja oħra, fil-bidu ta' Sqaq il-Ħwawar turi karetteristiċi simili. U t-tnejn li huma jidher li għandhom rabta mal-gwerra tmur iżjed 'l hinn.



*Ritratt: Josef Mario Briffa*

## XHE33 Tal-Balal battery

Qrib l-ewwel binja fuq it-triq prinċipali, kien hemm — għallinqas fl-1943 u l-1944 — il-batterija *XHE33 Tal-Balal*. Mill-*map reference* (MR 509 750), għandi nifhem li aktarx kienet fl-għalqa wara l-*borehole*. Kienet mgħammra b'erba' kannuni *Heavy Anti-Aircraft* mobbli tat-tip Mk IA, b'kalibru ta' 3.7 pulzier. Kella ukoll *gun laying radar* tat-tip GL Mk II. Il-batterija kienet f'idejn it-*222 Heavy Anti-Aircraft Battery* minn Derby, li kienet ukoll responsabbli minn batterija oħra (*XHE27 Naxxar*) f'Birguma. [5]







*Il-binja fit-Triq tal-Balal. (Ritratti: Josef Mario Briffa)*



*Binja b'karatteristiċi simili fil-bidu ta' Sqaq il-Ħwawar, l-Iklin (Ritratti: Josef Mario Briffa)*

Din it-*222 HAA Battery* għanda storja interessanti. Oriġinalment parti mis-*68th (North Midland) HAA Regiment*, kienet ġiet skattata mir-riġment, u flimkien mal-*190* u *191 Battery*, mis-*69th (Warwickshire) HAA Regiment,* stazzjonata f'Malta bħala mit-*10th HAA Regiment* minn. Meta is-*68th (North Midland) HAA Regiment* intilef fid-disfatta f'Tobruk, fl-Afrika ta' Fuq, it-*222 Battery* ġiet magħżula biex tiret l-isem, l-unuri u t-tradizzjoni tas-*68th Regiment* li minnu oriġinarjament ħarġet. Għalhekk, f'Ġunju tal-1943, it-*10th Regiment* ġie iffurmat mill-ġdid bħala is-*68th (North Midland) HAA Regiment*, bil-batteriji 222, 190 u 191 [6].

Fil-Knisja Anglikana tat-Trinità, f'Tas-Sliema, tinsabu ukoll plakka kommemorativa tal-membri ta' dan ir-Riġment li tilfu ħajjithom fid-difiża ta' pajjiżna, u jinstabu midfuna fiċ-ċimiteri militari f'Pembroke, tal-Pietà, u l-Imtarrfa.

**Noti**:
HAA = *Heavy Anti-Aircraft*

[1] Il-bini ma jidhirx iżjed fir-ritratti taż-żona, ippubblikati fil-Press Release mill-ministeru.
[2] F'korrispondenza ma' *Fondazzjoni Wirt Artna* permezz ta' Facebook (Ottubru 2017), huma identifikaw din il-binja bħala "*defencible FA building* parti mill-*anti-invasion defences*" ta' pajjiżna.
[3] "Wartime observation post survives the ravages of peace" [external link], *Times of Malta,* 31.01.2017.
[4] cf. Keith Micallef, " 'Unauthorised' Tal-Balal road works denounced by heritage watchdog



*Kannuni* Heavy Anti-Aircraft t*a' 3.7 pulzieri, f'Hyde Park, Londra, 1939.* *© IWM / H993*

*Riċerka u kitba ta' Josef Mario Briffa SJ, pubblikat online nhar it-28 t'Awwissu 2020.*
https://jmbriffa.wordpress.com/2020/08/28/gwardjan-sieket-tal-gwerra-u-l-batterija-xhe33-tal-balal/